# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 9 ta' Marzu 2021**

**Talba Numru 193/2020SFJ**

***Elbros Precast Limited (C14546)***

***vs.***

***Bezzina Maritime Services Limited (C14583)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' **tlett elef u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,047.88)** rappreżentanti materjal ta' kostruzzjoni pprovdut lis-soċjetà konvenuta, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 566/2020.

Ra t-tlett fatturi annessi mal-Avviż tat-Talba u ra li l-ammonti indikati fihom iwasslu għal total identiku għal dak imsemmi fl-Avviż tat-Talba.

Ra l-kopja tal-ittra uffiċjali numru 566/2020 (li hija ittra ppreżentata a tenur tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), liema kopja tinkludi anki kopja ta' nota ta' oppożizzjoni ppreżentata mis-soċjetà konvenuta fl-atti tal-ittra uffiċjali relattiva (ara fol. 9 sa fol. 16).

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet validament innotifikata bl-Avviż tat-Talba nhar il-11 ta' Diċembru 2020 (ara r-riferta a fol. 23).

Ra li kif jidher mill-verbal relattiv, fl-udjenza tal-15 ta' Diċembru 2020, l-avukat tas-soċjetà attriċi infurmat lit-Tribunal li barra mill-awla kien hemm ċertu David Musu f'isem is-soċjetà konvenuta. Għalhekk, it-Tribunal iddiferixxa l-kawża għar-risposta.

Ra li fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021 ġew imsejħa kemm is-soċjetà konvenuta kif ukoll David Musu iżda ħadd minnhom ma deher.

Ra li s-soċjetà konvenuta la ppreżentat Risposta u lanqas għamlet xi sottomissjoni.

Ra l-kapitolu ippreżentat mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021.

Sema' lil Matthew Schiavone jixhed fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2021. Hu qal li kien il-kontrollur finanzjarju tal-grupp Elbros u ppreżenta xi *invoices* u *delivery notes* u anki l-istima inizjali li kienet talbet is-soċjetà konvenuta.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ra li permezz tad-dokumentazzjoni relattiva u permezz tax-xhieda tal-kontrollur finanzjarju Matthew Schiavone, is-soċjetà attriċi ippruvat it-talba tagħha.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett elef u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€3,047.88) kif mitlub fl-Avviż tat-Talba kif ukoll l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 566/2020 msemmija fl-Avviż tat-Talba.

Billi ma ntalbux imgħaxijiet, it-Tribunal ma jistax jordna l-ħlas tal-imgħaxijiet.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din l-azzjoni jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**